Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, l-4 ta' Dicembru 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elisia Scicluna)**

**Versus**

**Adam Abdo Abkar**
**(Numru tal-Pulizija : 20HH028)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Adam Abdo Abkar**, detentur ta' numru tal-Pulizija 20HH028.

Akkuzat talli nhar il-5 ta' Novembru 2022 gewwa Triq is-Serkin il-Marsa, Malta

1. Volontarjament ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Stephen Scicluna, skont kif gie ccertifikat minn Dr Rachael Cremona Reg. no. 4712 gewwa l-Poliklinika tal-Furjana;

2. Kif ukoll talli l-istess data, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn 250 Euro izda mhux aktar minn 2,500 Euro, ghad-dannu ta' Stephen Scicluna, u/jew persuni ohra;

3. Kif ukoll talli fl-istess cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni u paci pubbliku.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda.

Rat illi l-imputat, fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2023, irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet rigward il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lil imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammess.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat Artikoli 7, 8, 221(1), 325(1)(b) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil imputat **Adam Abdo Abkar hati** tal-akkuzi kollha migjuba kontrih u qed tikkundannah ghal **tmintax-il xahar (18) prigunerija effettiva**.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**